MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 363/2008/1

**Avukat John Refalo f'isem John u Susan Gray,**
**persuni assenti minn Malta**

**v.**

**Garden of Eden Limited**

**Il-Qorti:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti nomine tal-14 ta' April 2008 li jaqra hekk:
"Illi dan ir-rikors qieghed isir a tenur tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Att numru XXV

tal1995) u fiha qieghed jintalab il-likwidazzjoni minhabba insolvenza tal-kumpanija intimata.

“Illi r-rikorrenti huma kredituri tal-kumapnnija intimata u dan in forza ta’ sentenza tas-Central London County Court tat-18 ta’ Frar 2005 u tal-14 ta’ Dicembru 2005 reza ezigwibbli f’Malta b’decizjoni finali tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta’ Marzu 2007.

“Illi interpellata ghall-hlas il-kumpanija intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kien intalab il-hrug ta’ madati ezekuttivi fil-konfront taghha.

“Illi l-mandati ezekuttivi ma taw ebda ezitu u fil-fatt minkejja id-dekors ta’ aktar minn erbgha u ghoxrin gimgha min-notifika taghhom lill-intimati baqghu mhux imhallsa; Ghalhekk il-ligi tipprezumi l-insolvenza tal-kumpanija intimata.

“Illi inoltre jidher li l-kumpanija intimata ma tistax thallas id-djun taghha;

“Ghaldaqstant in vista tas-suespost

“1. tahtar, fil-mori ta’ dawn il-proceduri amministratur provvisorju sabiex jamministra l-affarijiet tas-socjeta` Garden of Eden Limited (C17525) u dan taht u skond id-dispozizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun li taghhi;

“2. tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpanija intimata Garden of Eden Limited (C17525) m’hijiex f’qaghda li thallas id-djun taghha u ilha f’dan l-istat sa qabel il-31 ta’ Dicembru 2005 u konsegwentement tordna x-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-istess kumpanija intimata a tenur tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att dwar il-kumpanniji (Att numru XXV tal-1995);

“3. taghti kull provvediment opportun sabiex jinhatar l-istralcarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali skond id-dispozizzjonijiet tal-Att XXV tal-1995 dwar il-Kumpanniji.

“4. Bl-ispejjez kontra l-kumpanija intimata.”

Rat ir-risposta tas-socjeta` Garden of Eden Limited tat-8 ta’ Lulju 2008 (fol. 38) li in forza taghha ecepiet illi:
“Illi fl-20 ta’ Gunju 2008 is-socjeta` esponenti giet notifikata bir-Rikors fl-ismijiet premessi, izda fl-istess hin ma giex notifikat lilha id-Digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti li bih iffissat terminu lill-istess socjeta` esponenti ta’ zmien ghoxrin jum min-notifika sabiex din tipprezenta r-Risposta taghha;

“Cio` nonostante, una volta li l-istess Digriet gie a konjizzjoni tas-socjeta` esponenti f’dawn il-jiem, hi qed tintavola r-Risposta taghha;

“Preliminarjament t-talbiet tar-rikorrenti nomine ghandhom jigu michuda stante ma gewx sodisfatti r-rekwistiti tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att XXV tas-sena 1995;

“In oltre u bla pregudizzju ghal permess, it-talbiet tar-rikorrenti nomine ghandhom jigu michuda peress lil-Mandat ta’ Sekwestru 434/07 ma jirriflettix dak ikkonsidrat u determinat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-13 ta’ Marzu 2007, Appell Civili Numru 305/2006;

“Fil-mertu u bla pregudizzju ghal premess, il-pretensjonijiet u konsegwenti talbiet tar-rikorrenti nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih.

“In oltre, bla pregudizzju ghal premess ir-rikorrent nomine ghandu azzjoni kontra s-socjeta` assikuratrici tas-socjeta` intimata.”

Rat il-provvediment moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Novembru, 2008, li in forza tieghu ipprovdiet fuq it-talba tar-rikorrenti nomine
“Billi għalhekk hemm l-elementi kollha li trid il-liġi għall-istralċ ta’ l-intimata taħt l-art. 214(2)(*a*)(ii) ta’ l-Att dwar il-Kumpanniji, il-qorti hekk tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti:

“1. tgħid illi s-soċjetà intimata *Garden of Eden Limited* (C17525) ma tistax tħallas id-djun tagħha;

“2. tordna x-xoljiment tas-soċjetà intimata b’seħħ mill-ħin tal-preżentata tar-rikors, kif igħid u jrid l-art. 223(1) tal-Kap. 386 u tordna wkoll l-istralċ tagħha;

“3. taħtar lill-uffiċjal riċevitur bħala stralċjarju, bis-setgħat u d-dmiriijiet kollha taħt l-artt. 228 *et seqq*. tal-Kap. 386, b’dan illi l-istralċjarju għandu wkoll, bla ħsara għall-ġeneralità ta’ dawk is-setgħat u dmirijiet:

“a. wara li jikseb dikjarazzjoni fuq il-qagħda tas-soċjetà intimata kif irid l-art. 226 tal-Kap. 386, jagħmel rapport lill-qorti kif irid l-art. 227;

“b. jagħmel verifika dwar l-assi u d-djun tas-soċjetà intimata, u dwar il-gradwazzjoni tad-djun;

“c. jieħu taħt il-kustodja tiegħu jew il-kontroll tiegħu l-assi kollha tas-soċjetà intimata kif igħid u jrid l-art. 237 tal-Kap. 386;

“d. jagħmel jew jiddefendi kull azzjoni jew proċedimenti legali oħra fl-isem u fl-interess tas-soċjetà intimata;

“e. imexxi n-negozju tas-soċjeta intimata safejn dan ikun meħtieġ għall-benefiċċju ta’ l-istralċ tagħha;

“f. jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta’ l-assi tas-soċjetà intimata.

“L-istralċjarju għandu jippreżenta r-rapport tiegħu mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum.

“L-ispejjeż għandha tħallashom is-soċjetà intimata.”

Dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Id-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-Att dwar il-Kumpanniji [Kap. 386] jgħidu hekk:

"**214.** (1) Kumpanija xxolji u konsegwentement tiġi stralċjata fil-każijiet li ġejjin -

… … …

"(2) Barra mill-mod ta' xoljiment imsemmija fis-subartikolu (1) -

"(*a*) kumpanija tista' xxolji u tkun stralċjata mill-qorti fiċ-ċirkostanzi li ġejjin -

"(i) … … …;

"(ii) il-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha;

… … …

"(5) Għall-finijiet tas-subartikolu (2)(*a*)(ii), kumpanija titqies li ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha -

"(*a*) jekk id-dejn dovut mill-kumpanija jkun baqa' ma tħallasx għal kollox jew f'parti wara erbgħa u għoxrin ġimgħa mill-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv kontra l-kumpanija b'xi wieħed mill-atti eżekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

… … …

"Dwar kif issir l-ezekuzzjoni ta' mandati ta' sekwestru, l-art. 377 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

"**377.** (1) L-ezekuzzjoni ta' mandat ta' sekwestru ssir billi tingħata kopja, permezz ta' l-uffiċjal eżekuttiv tal-qorti, lis-sekwestratarju jew bil-mezzi elettroniċi li jiġu ordnati mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja.

"(2) Kopja tal-mandat għandha tiġi wkoll notifikata lid-debitur … … …

"Dan juri illi, għalkemm trid issir ukoll notifika tal-mandat lid-debitur, dak li hu meħtieġ għall-ezekuzzjoni huwa li ssir notifika f'idejn is-sekwestratarju. Għalhekk, il-mandat jitqies li ġie esegwit hekk kif issir notifika f'idejn is-

sekwestratarju wkoll jekk tkun għadha ma saritx ukoll notifika lid-debitur.

"Fil-każ tal-lum ma huwiex kontestat illi l-mandat ġie notifikat f'idejn is-sekwestratarji fis-27 ta' Marzu 2007[1], aktar minn erbgħa u għoxrin ġimgħa ilu, u illi l-ħlas għadu ma sarx. Is-soċjetà intimata għalhekk għandha titqies li ma tistax tħallas id-dejn tagħha, u l-ewwel raġuni ta' oppożizzjoni tagħha ma hijiex tajba.

"L-intimata qiegħda tgħid ukoll illi l-mandat inħareġ għal somma akbar minn dik illi hija kienet kundannata tħallas.

"Din ir-raġuni ta' oppożizzjoni wkoll ma hijiex tajba għax mibnija fuq ekwivoku. Li ġara huwa dan:

"B'sentenza ta' l-14 ta' Diċembru 2005[2] is-*Central London County Court* ikkundannat lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti, b'kollox, mija u sebgħa u erbgħin elf, tliet mija u erbatax-il lira sterlina (£147,314). Bi provvediment ieħor tat-18 ta' Frar 2005 kienet ikkundannatha tħallas ukoll erbat elef lira sterlina (£4,000) bħala spejjeż.

"Intalbet l-ezekuzzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill tal-Komunità Ewropea numru 44 ta' l-2001, u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'dikriet mogħti fis-6 ta' Ottubru 2006, iddikjarat is-sentenza bħala waħda esegwibbli f'Malta.

"Sar appell minn dak id-dikriet u l-Qorti ta' l-Appell, b'sentenza mogħtija fit-13 ta' Marzu 2007, iddisponiet mill-appell "billi tiċħad l-istess u tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija mill-ewwel qorti fis-6 ta' Ottubru 2006".

"L-ekwivoku nħoloq għax il-Qorti ta' l-Appell, fil-parti narrativa tas-sentenza tagħha tat-13 ta' Marzu 2007, kienet qalet hekk:

---

1 *Fol*. 13ª *tergo*.
2 *Fol*. 56.

"Dan hu appell minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 t'Ottubru 2006, li in forza tiegħu [*sic*] ordnat li sentenza mogħtija mis-*Central London County Court* fl-Ingilterra, fl-14 ta' Diċembru 2005, titqies bħala waħda esegwibbli f'Malta. B'dik is-sentenza s-soċjetà *Garden of Eden Limited* ġiet ikkundannata tħallas lil John u Susan Gray spejjeż fl-ammont ta' £stg4,000. L-ewwel qorti ordnat l-ezekuzzjoni tas-sentenza fit-termini ta' l-artikolu 33 tar-Regolament tal-Kunsill 44/2001 ta' l-Unjoni Ewropea.

"Dan huwa ovvjament żball għax is-sentenza tas-*Central London County Court* ta' l-14 ta' Diċembru 2005 kienet ikkundannat lill-intimata tħallas mija u sebgħa u erbgħin elf, tliet mija u erbatax-il lira sterlina (£147,314), u mhux biss erbat elef lira sterlina (£4,000), li d-deċiżjoni dwarhom kienet ingħatat fit-18 ta' Frar 2005 u mhux fl-14 ta' Diċembru 2005.

"Li hu relevanti, iżda, hu illi l-Qorti ta' l-Appell, fil-parti dispożitiva tas-sentenza, ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tas-6 t'Ottubru 2006, li kienet iddikjarat is-sentenza ta' l-14 ta' Diċembru 2005 esegwibbli f'Malta.

"Għalhekk ma hemm ebda konflitt fis-sustanza bejn il-mandat ta' sekwestru u s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell.

"Għalkemm mhix imsemmija fit-tweġiba, is-soċjetà intimata waqt is-seduta tat-28 t'Ottubru 2008 għarrfet lill-qorti illi hija fetħet kawża kontra l-assikuratur tagħha biex jtħallas id-dejn.

"Dan iżda huwa għalkollox irrelevanti; li trid il-liġi hu illi d-dejn ikun imħallas, u mhux illi jkunu nbdew proċeduri – li mhux magħruf x'sejjer ikun l-eżitu tagħhom – mid-debitur kontra terzi sabiex jitħallas id-dejn lill-kreditur."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` Garden of Eden Limited, prezentat fil-15 ta' Dicembru 2008, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti biex b'hekk jigi definittivament maghluq il-

procediment mehud mill-appellat kontra l-appellanti u jigu michuda t-talbiet tieghu fil-konfront taghha fir-rigward tal-istess; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' Dr. John Refalo nomine (fol. 10 tal-atti tal-appell) li permezz taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta li din il-Qorti ghandha ssib li s-sentenza appellata kienet wahda gusta fil-fatt u fid-dritt u tghaddi ghalhekk biex tikkonfemaha;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tal-21 ta' April 2009 u 9 ta' Gunju 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrent nomine, b'dawn il-proceduri, qed jitlob l-istralc tal-kumpanija Garden of Eden Limited a bazi tal-Artikolu 214 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta), precizament peress li l-istess socjeta` naqset li thallas id-dejn minnha dovut wara li sentenza li nghatat kontriha fl-Ingilterra giet dikjarata li ghandha titqies bhala wahda ezegwibbli f'Malta b'sentenza li tat din il-Qorti fit-13 ta' Marzu, 2007. Ir-rikorrent nomine, wara dik is-sentenza, talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra is-socjeta` Garden of Eden Limited, izda xorta wahda baqa' ma sarx hlas. Peress li, fit-terminu tal-Artikolu 214(5)(a) tal-Kap. 386, jekk kumpanija tibqa' ma thallasx ghal kollox jew f'parti d-dejn wara 24 gimgha mill-ezekuzzjoni ta' titolu ezkuttiv b'xi wiehed mill-atti ezekuttivi kontemplati fil-ligi, l-istess kumpanija titqies li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha, l-ewwel Qorti wara li kkonstatat li jezistu c-cirkostanzi ta' fatt li trid il-ligi biex kumpanija tigi stralcjata, ipprocediet biex tipprovdi ghall-istralc tal-kumpanija Garden of Eden Limited.

Din l-ahhar imsemmija kumpanija resqet diversi aggravji kontra d-decizjoni tal-ewwel Qorti u li jistghu jigu sintetizzati hekk:
(**i**) li l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv mahrug mir-rikorrent nomine ma giex notifikat lid-debitur, kwindi l-Artikolu

214(5)(a) ma kellux jigi applikat; (**ii**) li ladarba, wara l-hrug tal-mandat, is-sekwestratarji ma ddepozitawx kwalunkwe flus li setghu gew maqbuda, dan gie meqjus kontra taghha; (**iii**) li sar zball fis-sentenza ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Marzu 2007; (**iv**) li l-ewwel Qorti injorat il-fatt li kienet intavolat kawza kontra s-socjeta` assikuratrici taghha biex din tonora l-obbligazzjonijiet taghha u thallas hi lir-rikorrenti, u (**v**) li l-ewwel Qorti qabdet u applikat it-terminu ta’ 24 gimgha, minghajr ma qieset il-patrimonju tal-istess kumpanija.

Il-Qorti issa sejra titratta dawn l-aggravji *seriatim*.

Dwar l-ewwel aggravju, l-Artikolu 214(5)(a), kwotat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, ighid li kumpanija titqies li ma tistax thallas id-djun taghha jekk tibqa’ ma thallasx wara 24 gimgha “mill-ezekuzzjoni ta’ titolu ezekuttiv” b’xi wiehed mill-atti ezekuttivi kontemplati fil-ligi, fosthom mandat ta’ sekwestru. F’dan il-kaz it-titolu ezekuttiv huwa s-sentenza estera li giet reza esegwibbli hawn Malta minn din il-Qorti. Il-kreditur talab u ottjena l-ezekuzzjoni tas-sentenza bil-hrug tal-mandat ta’ sekwestru, u, teknikament, il-hrug tal-mandat iwassal fih innifsu ghall-“ezekuzzjoni“ tat-titolu ezekuttiv. L-ewwel Qorti osservat li l-ezekuzzjoni tal-mandat in kwistjoni tehtieg notifika tal-istess lis-sekwestratarji u mhux ukoll lid-debitur, u, ghalhekk ladarba irrizulta li l-mandat gie, fil-fatt, notifikat lis-sekwestratarji, il-vot tal-ligi kien sodisfatt. Din il-Qorti tara li lanqas ma kien hemm ghalfejn li l-ewwel Qorti tezamina kif mandat ta’ sekwestru jigi esegwit, ghax, kif inghad, l-Artikolu 214(5)(a) tal-Kap. 386 jirreferi biss ghall-ezekuzzjoni <u>tat-titolu ezekuttiv</u>, b’xi wiehed mill-atti ezekuttivi kontemplati fil-ligi, u l-hrug tal-att ezekuttiv fuq ordni tal-Qorti kompetenti jwassal ghall-ezekuzzjoni tal-istess titolu. F’kull kaz, il-ligi ma tirrikjedix, ghall-fini tal-ezekuzzjoni tal-mandat ta’ sekwestru, li d-debitur jigi notifikat bil-hrug ta’ dak l-att ezekuttiv, u sta ghad-debitur li jkun kkundannat u li kontra tieghu jezisti titolu ezekuttiv ezegwibbli, li jara li jissodisfa l-obbligi tieghu. Kwindi, l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Fil-kuntest tat-tieni aggravju, din il-Qorti tara li s-sottomissjoni relattiva tista', se mai, tolqot ir-relazzjoni bejn il-kreditur u s-sekwestratarju, u mhux l-obbligu tad-debitur li jonora l-obbligazzjonijiet tieghu. Jekk sekwestratarju ma jiddepositax il-flus jew hwejjeg ohra li jkollu u li jkunu ta' proprjeta` tad-debitur, jista' jkun passibbli ghad-danni favur il-kreditur fit-termini tal-Artikolu 378 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), izda dan ma jghinx lid-debitur li ghandu obbligu hu li jara li jsir il-hlas tad-dejn. L-Artikolu 214(5)(a) indikat ighid li kumpanija titqies li ma tistax thallas id-djun taghha jekk tibqa' ma thallasx id-dejn fi zmien 24 gimgha mill-ezekuzzjoni; l-oneru hu mpost fuqha mhux fuq is-sekwestratarju, u sta ghall-kumpanija tara kif se thallas id-dejn, u dan fi zmien 24 giimgha mill-hrug tal-mandat relattiv. Kwindi, anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Ghar-rigward l-allegat zball fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Marzu, 2007, is-sottomissjoni relattiva hija kompletament bla bazi. Is-sentenza in kwistjoni ma fihiex disposizzjonijiet konflingenti, u l-fatt li bhala figura indikat biss l-ammont ta' spejjez, ma jfissirx li l-ammont tas-sorte ma giex ukoll rez ezegwibbli. Din il-Qorti, fis-sentenza taghha, ghaddiet biex tikkonferma s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li kienet irrendiet esegwibbli s-sentenza kollha tal-Qorti estera, u bl-ebda mod ma illimitat l-effett ta' dik is-sentenza estera. Il-fatt li din il-Qorti indikat li s-socjeta` Garden of Eden Limited giet ikkundannata thallas l-ispejjez tal-kawza fl-ammont ta' £4,000, ma jeskludix il-kundanna tas-somma fil-meritu. Kwindi, il-mandat in kwistjoni hareg tajjeb ghall-ammont kollu illikwidat mis-sentenza estera, kompriza s-sorte u l-ispejjez. Dan it-tielet aggravju qed jigi, ghalhekk, michud.

Fil-kuntest tar-raba' aggravju, din il-Qorti tara li r-relazzjoni li s-socjeta` jista' ghandha mas-socjeta` assikurattrici taghha hija *res inter alios acta* ghar-rikorrent nomine, appellat odjern. Din il-kumpanija intimata, milli jidher, ghandha kwistjoni mas-socjeta` assikurattrici li maghha harget polza ta' assikurazzjoni ghall-kaz ta' xi incident, u trid izzomm lill-kreditur milli jithallas sakemm din il-kwistjoni tigi determinata. Fil-verita`, pero`, il-kwistjoni li l-

kumpanija Garden of Eden Limited ghandha mas-socjeta` assikurattrici taghha hija irrelevanti ghall-kreditur li, taht kull aspett, ghandu dritt jinsisti ghall-hlas minghand id-debitur tieghu, u mhux minghand terz li mieghu d-debitur jippretendi li ghandu relazzjoni. Debitur ta’ dejn cert, likwidu u dovut, kif inhu l-kaz in ezami, ghandu obbligu li minnufih ihallas dak id-dejn u jekk ihoss li kien assikurat ghall-incident li wassal ghal holqien ta’ dak id-dejn, jista’ jdur kontra s-socjeta` assikurattrici ghar-rizarciment – din il-kwistjoni, pero`, ma hijiex raguni valida ghan-nuqqas tal-kumpannija li thallas. Dan l-aggravju hu, ghalhekk, michud.

Trattat l-ahhar aggravju, din il-Qorti tara li dan ukoll mhux gustifikat. L-Artikolu 214 tal-Att dwar il-Kumpaniji jiddetermina kif u meta kumpanija ghandha “<u>titqies</u>” (“shall be deemed” fit-test Ingliz) li ma tkunx tista’ thallas id-djun taghha. Ir-regoli huma cari u ma jhallu ebda lok ghall-provi in kuntrarju. Jekk il-kumpanija ma thallasx fi zmien 24 gimgha, hija titqies li ma tistax thallas id-djun taghha, u jekk tirrizulta din ic-cirkostanza, il-Qorti tista’ tipprocedi ghall-istralc taghha. F’dan il-kaz, gie kkonstatat li wara s-sentenza ta’ din il-Qorti, il-kredituri talbu u ottjenew il-hrug ta’ mandat ezekuttiv, izda l-kumpanija Garden of Eden Limited ma hallsetx id-dejn, avolja ilhom li skadew l-24 gimgha mill-hrug tal-mandat. Kwindi, s-sentenza tal-ewwel Qorti mhix censurabbli.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-kumpanija Garden of Eden Limited billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, b’dan li t-terminu ta’ tlett xhur li fih l-istralcjarju ghandu jipprezenta r-rapport tieghu lill-ewwel Qorti jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjez ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta` appellanti Garden of Eden Limited.

L-atti tal-kawza qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------